## PROFIL...

# Maestro Joseph Magri

Is-Surmast Joseph Magri twieled Ħal Qormi fit-2 ta' Diċembru 1917 u beda l-karriera mużikali tiegħu bit-tagħlim tal-Klarinett.

Ta' 14-il sena daħal fir-"Royal Malta Artillery" bħala "Boy" u sab postu fil-"Royal Artillery (Malta) Band". Fis-sena 1936 rebaħ l-ewwel premju fil-"Pupil's Course" fir-"Royal Military School of Music" f'Kneller Hall fejn ħa l-ewwel premju bħala klarinettista kif ukoll il-"Cousin Memorial Medal". F'dan l-istess kors, Magri ġie l-ewwel ukoll fl-Armonija u ħa l-ewwel premju fl-Instrumentazzjoni li għamluh bħala l-aħjar mużiċista tas-sena 1937.

Lura Malta Mro. Magri reġa' ssieħeb mar-"Regimental Band" u fl-1938 deher għall-ewwel darba fil-pubbliku fil-Belt Valletta fejn ġie milqugħ tajjeb mill-pubbliku preżenti.

Sadanittant Mro. Magri kien laħaq "Band Sergeant" u kien ikkwalifika, wara eżami kompetitiv, biex jattendi kors ta' 3 snin għall-"Bandmaster" fl-R.M.S.M. Kneller Hall fejn sa l-1948 kien ġab id-Diploma mill-"Royal College of Music" bħala "Bandmaster" fejn kien ġie offrut lilu banda Ingliża jew Skoċċiża. Iżda Mro. Magri pprefera r-"Regimental Band" tant li fl-1949 insibuh responsabbli mill-"R.A. (Malta) Band" sakemm rtira fl-1966.

Fix-xena lokali, fl-1943 insibu lis-Surmast Magri bħala surmast/direttur tal-Banda "Annunzjata" ta' Ħal Tarxien fejn minħabba l-impenn militari tiegħu kellu jinqata' minn dan is-servizz. Fl-1951 Mro. Magri ingħaqad mas-Soċjetà Filarmonika "Pinto", ta' belt twelidu, bħala Surmast/Direttur, liema kariga baqa' jżomm sal-1969 meta rtira.

Fost ix-xogħolijiet ta' Mro. Magri, insibu bosta kompożizzjonijiet korali fosthom il-famuża "Malta War Requiem" li rebħitu bosta diplomi. Xogħol ieħor famuż hu "An Ode to St. Paul's" miktuba għall-okkażjoni tal-festi li kienu saru għaċ-Ċelebrazzjonijiet Ċentinarji ta' San Pawl fl-1960 u li kienet indaqqet b'suċċess mill-Banda Nazzjonali u mill-King's Own.

Fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju tal-"Chorus Melitensis" kien inawgura xogħol ieħor, "Te Deum" f'kunċert li kien sar fit-Teatru Manoel.

Mhux possibbli li nibqa' nsemmi l-bosta xogħlijiet li Mro. Magri kkompona minħabba spazju, iżda ma nistax ma nsemmiex "Hymn of Praise", "Malta G.C.", "Vittorjuża" u "Marian Cantata".

Dawn u bosta kompożizzjonijiet oħra huma xhieda qawwija tas-sehem li ta Mro. Magri fil-qasam mużikali u li bla dubbju ser jibqa' msemmi fl-istorja mużikali ta' pajjiżna.

**V.B.**


Carmelo Cassar

Jewellery

**45, Paola Square, Paola PLA 04**

**Tel: 664372**